



15.9.2009

B7-0039/2009 }
B7-0041/2009 }
B7-0044/2009 }
B7-0048/2009 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

PPE (B7-0039/2009)

ALDE (B7-0041/2009)

S&D (B7-0044/2009)

ECR (B7-0048/2009)

dwar in-nirien tal-foresti fis-sajf 2009

Marietta Giannakou, Theodoros Skylakakis, Michel Barnier, Ioannis Kasoulides, Veronica Lope Fontagné, Mario Mauro

f'isem il-Grupp PPE

Anni Podimata, Andres Perello Rodriguez, Kriton Arsenis

f'isem il-Grupp S&D

Corinne Lepage, Chris Davies

f'isem il-Grupp ALDE

Marina Yannakoudakis

f'isem il-Grupp ECR

Niki Tzavela

f'isem il-Grupp EDF

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-nirien tal-foresti fis-sajf 2009

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 174 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar it-tiżiħ tal-kapaċità ta' reazzjoni tal-Unjoni għad-diżastri¹, tal-4 ta' Settembru 2007 dwar id-diżastri naturali², tas-7 ta' Settembru 2006 dwar in-nirien tal-foresti u l-għargħar fl-Ewropa³, tal-5 ta' Settembru 2002 dwar l-għargħar fl-Ewropa⁴, tal-14 ta' April 2005 dwar in-nixfa fil-Portugall⁵, tat-12 ta' Mejju 2005 dwar in-nixfa fi Spanja⁶, tat-8 ta' Settembru 2005 dwar id-diżastri naturali (nirien u għargħar) fl-Ewropa⁷, u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju tal-2006 dwar id-diżastri naturali (nirien tal-foresti, nixfiet u għargħar) – aspetti agrikoli⁸, aspetti ta' żviluppi reġjonali⁹, u aspetti ambjentali¹⁰,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid)¹¹,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2005)0108) u l-pożizzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Mejju 2006¹²,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 3/2008 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 'Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: kemm hu mgħaġġel, effiċjenti u flessibbli?',
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u r-Rapport dwar l-esperjenza miksuba wara sitt snin ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar, adottata fit-23 ta' Ottubru 2007¹³,

¹ Testi Adottati, P6_TA(2008)0304.

² ĠU C 187 E, 24.07.2008, p. 55.

³ ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 240.

⁴ ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 471.

⁵ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p. 599.

⁶ ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 414.

⁷ ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 322.

⁸ ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 363.

⁹ ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 369.

¹⁰ ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 375.

¹¹ ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.

¹² ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 331.

¹³ ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (2007/162/KE, Euratom)¹⁴,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007 dwar it-titjib tal-ħila ta' koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) fil-mekkaniżmu Komunitarju għall-protezzjoni ċivili,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' Michel Barnier tad-9 ta' Mejju 2006 'Għal forza Ewropea għall-protezzjoni ċivili: Għajnuna Ewropea',
 - wara li kkunsidra l-punt 12 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 dwar ir-reazzjoni tal-Unjoni għall-emerġenzi, il-kriżijiet u d-diżastri,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem' (COM(2009)82 finali/2 tal-4 ta' Marzu 2009),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata unanimament tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja dwar il-'Protezzjoni ċivili u l-prevenzjoni ta' diżastri naturali u ekoloġiċi fir-reġjun Ewro-Mediterranju',
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fl-2009 s-sajf reġa' ġab miegħu nirien mhux ikkontrollati devastanti madwar in-Nofsinhar tal-Ewropa, li affettwaw lill-Istati Membri tal-UE, lir-reġjuni periferiċi, lill-pajjiżi applikanti u lill-ġirien fil-qrib tal-UE, u li kkaġunaw kemm tbatija għall-bniedem, fejn mietu tal-anqas ħdax-il ruħ, kif ukoll ħsara ambjentali u materjali immensa,
- B. konxju li, skont is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea dwar in-Nirien tal-Foresti, l-erja totali ta' veġetazzjoni u boskijiet milquta min-nirien fl-Ewropa dan is-sajf kienet aktar minn 315,000 ettaru, u filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex taġixxi malajr biex timmobilizza r-riżorsi tal-UE għaż-żoni milquta,
- C. billi n-nixfa u n-nirien persisteni qegħdin iħaffu l-proċess ta' deżertifikazzjoni ta' żoni kbar tan-Nofsinhar tal-Ewropa, u nqerdu aktar minn 400,000 ettaru fis-sena ta' foresta Ewropea f'dawn l-aħħar 10 snin, b'riżultat ta' dannu gravi għall-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjonijiet milquta, u li qed jintlaqtu l-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u l-wirt tal-foresti,
- D. billi, matul id-deċennji li ġejjin, minkejja l-isforzi tagħna ta' mitigazzjoni globali, se jkun hemm żieda inevitabbli fit-temperatura globali, b'effetti partikolarment avversi għan-Nofsinhar tal-Ewropa, li huwa mbassar li se jkun reġjun estremament vulnerabbli f'termini ta' bidla fil-klima u li diġà għadda minn nirien inkontrollati ta' kobor mingħajr preċedenti fl-2007 bħala riżultat dirett tal-mewġiet ta' sħana estrema ta' dik is-sena,
- E. billi l-frekwenza, il-gravità, il-komplessità u l-impatt tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa żdiedu b'ħeffa matul is-snin li għaddew, b'riżultat ta' telf ta' ħajjiet

¹⁴ ĠU L 71, 10.3.2007 p. 9.

umani u beni, b'effetti katastrofiċi fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil fuq l-ekonomija tar-reġjuni affettwati, inkluż it-telf tal-wirt naturali u kulturali, il-qirda tal-infrastruttura ekonomika u soċjali, u d-dannu għall-ambjent (fil-każ ta' nirien mhux ikkontrollati mill-bniedem, ta' telf tal-ħabitats naturali u tal-bijodiversità, ta' deterjorament tal-mikroklima u ta' żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra),

- F. wara li kkunsidra l-konsegwenzi dannużi ekonomiċi u soċjali tad-diżastri naturali għall-ekonomiji reġjonali, kemm f'setturi bħalma huma t-turiżmu kif ukoll mil-lat tal-attività produttiva inġenerali,
- G. billi l-prevenzjoni hija ta' importanza partikulari fir-rigward tal-ħarsien kontra d-diżastri naturali, teknoloġiċi u ambjentali,
- H. billi l-fenomeni tan-nirien tal-foresti huwa aggravat ukoll mill-abbandun progressiv tal-kampanja u tal-attivitajiet tradizzjonali tagħha, minn manutenzjoni inadegwata tal-foresti, mill-eżistenza ta' firxiet kbar ta' foresta li jkun fihom speċi waħda ta' siġar, mit-taħwil ta' varjetajiet ta' siġar mhux idonei, min-nuqqas ta' politika ta' prevenzjoni xierqa u kastigi li mhumiex ta' severità adegwata fil-każ ta' nirien li jkunu tqabbdus apposta, kif ukoll mill-implimentazzjoni inadegwata tal-liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali u li jiżguraw ir-riaforestazzjoni,
- I. billi l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat ripetutament fl-aħħar ftit snin,
- J. billi d-diżastri naturali bħalma huma n-nirien tal-foresti li dejjem qed ikunu aktar spissi fin-Nofsinhar tal-Ewropa jista' jkollhom dimensjoni transkonfinali minħabba l-ħeffa li biha jinfirxu minn fejn ikunu bdew u l-ħila li għandhom li jibdlu d-direzzjoni mingħajr mistenni, u għalhekk jeħtieġu reazzjonijiet flessibbli, rapidi, ikkoordinati u multilaterali; wara li kkunsidra wkoll l-ħsara estensiva li jistgħu jikkawżaw lill-proprjetà, lill-ħajja tal-bniedem, lill-attivitajiet ekonomiċi u lill-ambjent reġjonali,
- K. billi l-Parlament ripetutament ħeġġeġ lill-Presidenzi tal-Kunsill jilħqu deċizzjoni dwar Regolament għal Fond ta' Solidarjetà ġdid sa mill-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu f'Mejju 2006,
- L. billi, sa mill-ħolqien tiegħu fl-2002, il-Fond ta' Solidarjetà ta appoġġ finanzjarju ta' aktar minn EUR 1.5 biljuni,
- M. filwaqt li l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li l-Fond ta' Solidarjetà 'laħaq l-oġettiv tiegħu, li huwa li juri solidarjetà mal-Istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' diżastri', minkejja illi l-aktar problema importanti tibqa' n-nuqqas ta' rapidità li biha l-Fond jista' jiġi attivat bħala strument għall-immaniġjar tal-kriżijiet,
- N. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jittejjbu t-trasparenza u s-sempliċità tal-kriterji li jirregolaw il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà,
- O. billi l-Parlament Ewropew issottometta rizzoluzzjonijiet suċċessivi sa mill-1995 li jitolbu urġentement diversi inizjattivi tal-Unjoni Ewropea biex ikunu missielta n-nirien inkontrollati

fin-Nofsinhar tal-Ewropa, li jew qatt ma kienu implimentati jew tħallew inkompleti u ineffettivi,

1. Jesprimi l-kondoljanzi u s-solidarjetà qawwiya tiegħu mal-qraba ta' dawk li mietu u mar-residenti taż-żoni affettwati, u jfaħħar lill-ħaddiema tat-tifi tan-nar, lis-suldati, professjonisti u voluntiera, li stinkaw bla waqfien u bi qlubija biex jitfu n-nirien, isalvaw in-nies u jillimitaw il-ħsara mid-diżastri naturali ta' dan is-sajf;
2. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew dwar is-suġġett tad-diżastri naturali;
3. Huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tissottometti proposta għal strateġija Ewropea biex ikunu missielta d-diżastri naturali, inkluż approċċ tassattiv għall-prevenzjoni tar-riskju, u tfassal protokoll għal azzjoni uniformi għal kull tip ta' diżastru fl-Unjoni; jemmen ukoll li din l-istrateġija għandha tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni magħmulin minn gżejjer u periferiċi b' densità ġeografika baxxa;
4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-miżuri għall-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar jiffokaw fuq il-prevenzjoni; jikkunsidra li tali miżuri, li jaħdmu skont in-natura u mhux bil-kontra tagħha, għandhom jiproteġu lin-nies, lill-beni immobbli u lill-ambjent, u jgħinu biex jinkiseb immaniġġjar tal-ilma ambjentalment sostenibbli, biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE għall-bijodiversità u biex tinkiseb l-istrateġija ta' adattament tal-UE rigward il-bidla fil-klima;
5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà attwali tal-UE bl-iktar mod flessibbli li huwa possibbli u mingħajr dewmien biex ikunu assistiti l-vittmi tad-diżastri naturali ta' dan is-sajf;
6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja r-riabilitazzjoni tar-reġjuni li sofrew dannu kbir, tirrestawra l-potenzjal produttiv taż-żoni milquta, tfittex li tniedi mill-ġdid il-ħolqien tal-impjiegi u tiegħu miżuri approprijati biex tikkumpensa l-kostijiet soċjali inerenti fit-telfien tal-impjiegi u ta' għejun oħrajn ta' dħul;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni u l-għajjnuna offerta mill-Istati Membri l-oħra liż-żoni milquta fil-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili; jappoġġja t-tkomplija tal-proġett pilota għall-ġlieda kontra n-nirien tal-foresti, u jstieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod urġenti dwar il-proġett pilota sabiex tiżdied il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll l-azzjoni preparatorja dwar il-kapaċità tal-UE għal reazzjoni rapida, u jitlob li jitressqu proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu kapaċità Komunitarja ġenwina ta' reazzjoni rapida li tkopri n-nirien tal-foresti u tipi oħra ta' diżastri;
8. Jisħaq fuq l-urġenza kbira ferm ta' din il-kwistjoni u għalhekk jitlob li tinholq forza Ewropea effettiva li tkun tista' tirreaġixxi immedjatament fl-emerġenzi, kif propost mir-rapport Barnier; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tressaq proposti konkreti għal kapaċità ta' koperazzjoni Ewropea li tista' tirreaġixxi aktar malajr għad-diżastri naturali;
9. Iqis li l-esperjenza reċenti u dik tas-snin li għaddew tenfasizza l-ħtieġa ta' rinforz ulterjuri l-istat ta' tħejjija preventiva u l-kapaċità ta' intervent tal-Protezzjoni Ċivili Komunitarja inkonnessjoni man-nirien tal-foresti u oħrajn mhux ikkontrollati fin-Nofsinhar tal-Ewropa, u

jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tieħu azzjoni għal dan il-fini, biex tiżgura espressjoni viżibbli tas-solidarjetà Ewropea lejn il-pajjiżi milquta b'emerġenzi kbar;

10. Jirrikonoxxi l-kontribut taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni (MIC) lejn l-appoġġ u l-iffaċilitar tal-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' għajjnuna għall-protezzjoni ċivili waqt l-emerġenzi;
11. Jenfasizza r-responsabilità individwali tal-Istati Membri għal miżuri rigward il-protezzjoni ċivili u l-kontroll tad-diżastri kif ukoll ir-responsabilità ewlenija tagħhom fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tifi tan-nirien; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-azzjoni meħtieġa biex twaqqaf forza ta' reazzjoni Ewropea permanenti u indipendenti biex tgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni milquta waqt nirien tal-foresti kbar u diżastri oħra, filwaqt li tipprovdi l-aqwa tagħmir u kompetenza; jinnota f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistudja modi ta' kif ikollha aċċess għal kapaċità addizzjonali li tista' tkun disponibbli minn sorsi oħra inklużi riżorsi privati, sabiex tiżgura reazzjoni rapida għal emerġenzi kbar;
12. Jiddeplora l-fatt li bosta każijiet ta' nirien tal-foresti jidher li nbdew b'atti ta' inċendju, u b'mod partikolari huwa mħasseb li l-atti kriminali ta' inċendju kull ma jmur qegħdin ikunu jaħtu għan-nirien tal-foresti fl-Ewropa; jistieden għalhekk lill-Istati Membri biex isaħħu s-sanzjonijiet penali għal atti kriminali li jagħmlu ħsara lill-ambjent u, b'mod partikolari, għal dawk li jikkawżaw in-nirien tal-foresti, u huwa tal-fehma li investigazzjoni f'waqtha u effikaċi biex tkun stabbilita r-responsabilità', segwita minn piena proporzjonata, tiskoraġġixxi l-imġiba traskurata u deliberata;
13. Jenfasizza l-fatt li l-inċendjaturi, b'mod speċjali dawk li jgawdu mill-bini mill-ġdid jew mill-art tal-foresta, jaf jiġu inkoraġġiti minn liġijiet li ma jiddefinixxux jew jipproteġu b'mod strett lil dan it-tip ta' art, u/jew mill-applikazzjoni inadegwata ta' liġijiet li jipprojbixxu l-bini illegali; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jiżguraw li ż-żoni kollha maħruqa tal-foresti jibqgħu foresti u jiġu koperti minn programmi ta' riafforestazzjoni;
14. Jitlob metodi aktar effiċjenti għall-għarfien bikri tan-nirien tal-foresti, u trasferiment aħjar bejn l-Istati Membri tal-għarfien dwar miżuri li jwaqqfu l-firxa tan-nirien, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-iskambju ta' esperjenzi bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri;
15. Jirrikonoxxi s-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha u ta' pajjiżi oħra bl-għajjnuna li taw lir-reġjuni affettwati waqt emerġenzi ta' nirien tal-foresti permezz ta' inġenji tal-ajru, tagħmir għat-tifi tan-nar u kompetenza, kif ukoll l-għajjnuna ta' min ifaħħarha mogħtija lill-awtoritajiet rilevanti u lill-iskwadri tas-salvataġġ; huwa tal-opinjoni li l-iskala u l-impatt ta' dawn il-fenomeni ta' sikwit imorru oltre l-livell u l-kapaċitajiet reġjonali u nazzjonali u jitlob li jkun hemm impenn Ewoprew effettiv bħala kwistjoni ta' urġenza;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribut tar-riżerva tattika Ewropea ta' avjazzjoni għat-tifi tan-nar (EUFFTR), li twaqqfet dan is-sajf biex tassisti lill-Istati Membri li jiffaċċjaw nirien kbar; jinnota li dan il-proġett pilota twaqqaf bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew sabiex itejjeb il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien tal-foresti, u jirriżulta li huwa eżempju eċċellenti ta' kapaċità mtejbja f'livell Ewropew li tipprovdi għajjnuna immedjata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jišhaq, f'dan l-ambitu, fuq il-ħtieġa li jitkomplew l-iżvilupp u r-rinforz ta' dan il-proġett pilota, hekk kif nissoktaw b'ċirkostanzi ta' devastazzjoni kbira,

RC\790339MT.doc

PE428.643v01-00}
PE428.645v01-00}
PE428.648v01-00}
PE428.652v01-00} RC1

peress li l-kapaċitajiet tal-Istati Membri mal-EUFFTR jidher li ma jkunux adegwati;

17. Huwa tal-opinjoni li Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa essenzjali bħala mezz kif jiġu indirizzati l-problemi kkawżati mid-diżastri naturali b'mod aktar flessibbli u effettiv; jikkritika l-fatt li l-Kunsill imblokka l-progress, b'mod li dewwem illegalment din ir-reviżjoni, għad illi l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu b'maġġoranza kbira mal-ewwel qari f'Mejju 2006;
18. Jenfasizza l-fatt li jekk tiġi rravvivata din l-inizjattiva, ikun hemm benefiċċji kbar għat-tħaddim konkret tal-Fond, jitwessa' l-ambitu tiegħu, tiġi abolita l-attivazzjoni eċċezzjonali tal-Fond għal diżastri reġjonali, jiġi permess li aktar reġjuni jirċievu l-assistenza bl-introduzzjoni ta' livell aktar baxx ta' dannu biex jiġi mmobilizzat u, importanti ferm, tiġi permessa reazzjoni aktar malajr għad-diżastri billi jitħaffu l-pagamenti;
19. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill isibu bl-akbar responsabilità u mingħajr dewmien kompromess biex jiġi riattivat il-proċess tar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà, bil-għan li jinholq strument aktar b'saħħtu u aktar rapidu, li jkun jista' jirrispondi għall-isfidi l-ġodda tal-globalizzazzjoni u l-bidla fil-klima; jistieden lill-Presidenza Żvediża fil-Kariga, kif ukoll lill-Ministri tal-UE għall-Finanzi, l-Ambjent, l-Agricoltura u l-Iżvilupp Reġjonali, biex jieħdu azzjoni qawwija u mgħaġġla minnufih;
20. Jesprimi t-tħassib tiegħu għan-numru dejjem akbar ta' diżastri naturali li skont l-esperti, jistgħu jiġu attribwiti l-aktar għall-bidla fil-klima, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jagħmlu kull sforz biex jilhqqu fteħima internazzjonali ambizzjuża, fil-Ħames Konferenza li jmiss tal-partiti, li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partiti għall-Protokoll ta' Kjoto li se ssir f' Kopenhagen, fid-Danimarka, mis-7 sat-18 ta' Diċembru 2009;
21. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittejbu l-miżuri ta' prevenzjoni mfassla sabiex jittrattaw it-tipi kollha ta' diżastri naturali billi jkunu stabbiliti linji gwida strateġiċi konġunti sabiex tkun żgurata koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri, kif ukoll operabilità u koordinazzjoni akbar bejn id-diversi strumenti Komunitarji (Fondi Strutturali, Fond ta' Solidarjetà, EAFRD, LIFE+ u l-mekkaniżmu tal-istrument tar-reazzjoni rapida u t-tnejjija għal emerġenzi kbar), filwaqt li ma tintesiex il-ħtieġa li jintużaw strumenti eżistenti oħrajn, bħall-Għajnuna mill-Istat għal skopijiet reġjonali u s-self tal-BEI, bil-għan li titranġa l-ħsara kkawżata mid-diżastri naturali; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar il-fondi Komunitarji mogħtija għall-protezzjoni min-nirien tal-foresti u dwar jekk intużawx b'mod xieraq;
22. Jitlob li jiddaħħlu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni reġjonali fil-programmi ta' żvilupp rurali biex titjieb l-effiċjenza tal-miżuri ta' prevenzjoni;
23. Jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef il-proċedura ta' aċċess għall-fondi tal-UE għall-irkupru tal-art agrikola wara għargħar u nirien, u l-ħtieġa li tkun disponibbli aktar għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp ta' difiżi kontra n-nirien u l-għargħar; jenfasizza l-effetti fatali tan-nirien tal-foresti u tal-għargħar fuq il-bhejjem;
24. Iqis li hu essenzjali li jittieħed kont tal-problemi strutturali tal-ambjent rurali (deklin demografiku, abbandun tar-raba', deforestazzjoni, u l-frammentazzjoni eċċessiva tas-sjieda tal-imsaġar);

25. Huwa tal-opinjoni li r-rabtiet eżistenti bejn il-protezzjoni ċivili u l-politiki ambjentali għandhom jiġu rinforzati biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-miżuri preventivi inklużi fil-leġiżlazzjoni ambjentali u jiżguraw approċċ koordinat tal-UE għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tad-diżastri; jenfasizza b'danakollu li ma hemm l-ebda pjan li jinbidlu jew jiddgħajfu l-kompetenzi nazzjonali fil-protezzjoni ċivili u fil-prevenzjoni tad-diżastri bil-linji gwida tal-UE;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel progress fit-tfassil ta' kampanji ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar il-miżuri ta' prevenzjoni miftiehma mill-Istati Membri biex jitnaqqsu r-riskji u l-konsegwenzi tad-diżastri naturali, l-aktar fiż-żoni ta' riskju għoli, billi jagħmlu lill-pubbliku konxju mill-ħtieġa tal-kura tal-ambjent u tal-konservazzjoni tar-riżorsi naturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri, fosthom dawk biex titqajjem kuxjenza pubblika, b'appoġġ għall-użu iżjed sostenibbli tal-ilma, tal-ħamrija u tar-riżorsi bijoloġiċi, kif ukoll ta' ġestjoni aħjar tal-iskart, billi n-nuqqas ta' din tal-aħħar sikwit ikun il-kawża tan-nirien;
27. Jenfasizza li apparti r-riperkussjonijiet ambjentali u ekonomiċi ħorox tagħha, il-frekwenza attwali tan-nirien fin-Nofsinhar tal-Ewropa – kważi 95% tal-erja kollha maħruqa fl-UE tinsab fir-reġjun tal-Mediterran – jitqies li hi marbuta b'mod dirett mal-impatt tal-bidla fil-klima, f'dawk l-inħawi, li sejra għall-aġħar (erożjoni u telf ta' ħamrija, deżertifikazzjoni, żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, fosthom is-CO₂);
28. Jenfasizza li għandu jitqies għalkollox l-esponiment estrem tal-ekosistema tal-foresti tar-reġjuni tal-Mediterran għall-bidla fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni biex, fost il-miżuri agroambjentali stipulati fil-PAK, iddaħħal interventi speċifiċi mfassla biex jipprevjenu u jevitaw il-firxa tan-nirien tal-foresti, kif ukoll biex tirrifletti bir-reqqa dwar l-introduzzjoni tal-Politika Komuni dwar il-Foresti sabiex tittratta b'mod aktar effettiv il-kwistjonijiet tal-bidla fil-klima u d-diżastri naturali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-proposta tagħha għal pjan ta' azzjoni tal-UE għall-adattament għall-bidla fil-klima, tagħti prijorità lill-għlieda kontra n-nixfiet u n-nirien tal-foresti fin-Nofsinhar tal-Ewropa kif ukoll lill-prevenzjoni tagħhom;
29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali milquta min-nirien u mill-għargħar.